## Mitt Sena mit-Twelid tal-ex Kanonku Dekan

# Vincenzo Saliba 1913-2013

Kan. Dun Anton Mallia Borg

### Min Kien Dun Vinċenz



Fis-sagrestiji tal-parroċċa tagħna ta' Birkirkara hemm bosta ritratti fi kwadri tassew artistiċi ta' kanonċi li jitqiesu bħala benefatturi kbar fil-ħajja tal-Kolleġġjata. Uħud mill-plakek tagħhom huma miktuba bil-Latin, iżda snin ilu fil-kotba tal-programmi tal-festa ġew tradotti għall-Malti. F'din il-kitba ser nagħti dettalji ta' kanonku li għex fi żmienna, u li għeluq il-mitt sena minn twelidu jixraq li jkun imfakkar: Dun Vinċenz Saliba.

Ċensinu kien it-tifel waħdieni ta' Ġużeppi u Elena nee' Debono, u twieled Birkirkara fit-3 ta' Novembru 1913. Imrobbi b'għożża mill-ġenituri, sħabu tamparu jiftakruh bħala tfajjel fuq ruħu u kemxejn imqareb, moħħu tajjeb u jaf imexxi 'l ħaddieħor. L-għalliema tiegħu ma damux ma ntebħu b'dat-talent tiegħu. Ġie żmien meta ħass is-sejħa għas-saċerdozju, u bil-kelma fejjieda ta' ommu Lieni, li romlot meta hu kellu biss sentejn, irnexxielu jidħol fis-Seminarju Minuri tal-Gżira Għawdxija sa wasal għas-sitt klassi, meta għadda b'suċċess fl-eżamijiet tal-Matrikola u seta' jidħol fl-Università Rjali ta' Malta u jibda l-istudji ekkleżjastiċi, fosthom is-snin tal-Letteratura u tal-Filosofija bħala preparazzjoni għas-suġġetti teoloġiċi. L-akbar xorti ta' ommu Lieni kienet li tara lil binha jitla' fuq l-artal bħala ministru ta' Alla. Ċensinu kellu tifkiriet u esperjenzi sbieħ taż-żgħożija tiegħu. Kien il-gost tiegħu jirrakontahom lil sieħbu l-Kanonku Ġużeppi Camilleri, u dan erħilu jogħxa bid-daħk fis-sagrestija. Kien ukoll jgħin fix-xogħol tal-palk u, imżejjen bil-bżulija, kien imidd idejh għal kull bżonn li jinqala'.

Ġie ordnat qassis fl-eqqel tal-gwerra (1940). Ommu għamlitlu festa kbira fost il-ferħ kbir tal-poplu. Kienu għaddew bosta snin minn mindu kien laħaq l-aħħar saċerdot minn Birkirkara. Niftakar li ommu Lieni, wara l-jiem li fihom laqgħu lil min ġie jifirħilhom, sejħet xi tfal u qassmitilhom xi ħelu. Matul il-formazzjoni tiegħu, il-Provvidenza tat lil Dun Vinċenz benefiċċju ekkleżjastiku, taħt forma ta' ġuspatronat lajkali mwaqqaf minn Dun Ġużepp Madala (1731). Id-dritt ta' min jinnomina l-possessur kien f'idejn il-prokuratur tal-altar tas-SS.mu Sagrament tal-parroċċa tagħna. Kien jikkonsisti fi dħul ta' qbiela minn estensjoni ta' raba' fejn illum hemm il-lokal taż-Żgħażagħ Haddiema Insara, bl-isem Mater et Magistra, kif ukoll fejn illum hemm il-kumpless ta' McDonalds u fejn dari kien hemm il-fabbrika tal-madum ta' Govè, u xi raba' ieħor fi Triq in-Naxxar.

Matul it-tieni gwerra dinjija fittxu kenn f'Birkirkara mijiet ta' rifuġjati mill-ibliet ta' qrib

il-port, fosthom xi saċerdoti mill-istess inħawi ta' Malta. Ir-rifuġjati kienu jħabbtu l-bibien tal-parruċċani tagħna u jitolbuhom jilqgħuhom f'darhom. Fl-isfond ta' din is-sitwazzjoni, Dun Vinċenz, għalkemm saċerdot novell, ingħata l-fakultà tal-Qrar. Bniedem enerġiku, ċert minnu nnifsu u ta' inizjattiva, Dun Vinċenz ma kien jaqta' qalbu minn xejn. Xhieda ta' dan kien il-kuraġġ li wera meta fl-1942 *time bomb*, waqgħet ftit metri bogħod mill-Kolleġġjata ta' Santa Liena u ġarrfet bini fejn kien għad hemm xi persuni. Dun Vinċenz, b'kuraġġ u sogru għalih innifsu, ra kif għamel u permezz ta' slielem u ħbula tela' u wasal fejn il-vittmi, refagħhom fuq spallejh u wassalhom sal-art. Dan l-att ta' kuraġġ u ta' ħila ġibed l-ammirazzjoni tal-Gvernatur li kien ġie apposta fuq il-post.

L-istess kuraġġ Dun Vinċenz urih waqt l-epidemja tat-tifojde, li wasslet biex l-iskola primarja ta' Triq Brared tintuża bħala sptar. Kienu ħafna l-Karkariżi li mietu mit-tifojde. Meta kull l-ewwel ta' Novembru konna mmorru bħala kapitlu nżuru ċ-Ċimiteru tal-Infetti, illum mibdul fi *Ground*, kien jurini l-qabar kbir kumuni fejn hu bierek numru kbir ta' iġsma kkontaminati, midfuna taħt is-siġra kbira tan-nofs. F'din il-ħidma ta' fejda b'risq il-parruċċani, Dun Vinċenz sieħeb il-kanonċi Dun Ġuzeppi u ħuh Dun Ġwann Micallef, Dun Ġużepp Zahra u Dun Karm Bezzina, u xejn anqas il-Prepostu Emanuel Vella; kif ukoll lil Sir Anthony Mamo, l-ewwel President ta' Malta Repubblika, li dak iż-żmien kien *Protection Officer*. Sir Anthony hu mfakkar b'mod dinjituż fil-monument tal-bronż f'ġieħu wara l-knisja.

## Dun Vinċenz u l-Kolleġġjata

Dun Vinċenz inħatar membru tal-Kapitlu fl-1943, u ġiet assenjata lilu l-prokura tal-Kolleġġjata, kariga li okkupa sa tmiem ħajtu fl-1992. Hu rnexxielu jrawwam madwaru grupp ta' voluntieri biex jirnexxielu jwettaq bosta proġetti favur it-tempju, fosthom il-manutenzjoni tal-armar tat-toroq. Xogħol tassew prestiġjuż kien il-kisi u l-irranġar taz-zuntier tat-tempju wara t-tneħħija tat-tliet ħitan tat-tempju, mibnija dobblu quddiem il-bibien ewlenin. Mill-ġebel ma ntrema xejn, għax intuża fl-attrezzar tal-maħżen tal-armar. Bil-flus miksuba mill-*War Damage* ħa ħsieb ukoll il-kisi bl-irħam tas-sagrestija ta' wara l-kappella tal-Addolorata, fejn jinsabu minquxa l-ismijiet tal-ħaddiema li ċedew flushom. Mertu tal-Kanonku Saliba kien ukoll l-akkwist mingħand il-werrieta tal-pittur Virginio Monti, li kien joqgħod l-Italja, tal-abbozzi li fuqhom Monti pitter l-affreski fis-soqfa tat-tempju Elenjan. Ħajr lill-Arċisqof Mikiel Gonzi li dawn l-opri ta' arti setgħu joħorġu mill-Italja. Ħasra li Dun Vinċenz ħalliena qabel ma rnexxielu jara t-tkomplija sħiħa tar-restawr tal-affreski ta' Monti, li matul is-snin ġarrbu ħsarat minħabba l-umdità, theżżiż tal-bombi, u fatturi oħra. Ir-restawr tal-affreski sar mill-pittur Samuel Bugeja minn tas-Sliema.



Kien ukoll fi żmien Dun Vinċenz li sar bankun ġdid li jixraq lill-istatwa artistika ta' Santa Liena, bankun maħdum mill-ebanista Pietru Pawl Muscat fil-*workshop* tiegħu fi Triq Santu Rokku, fuq disinn ta' Toussaint Busuttil. Fil-panewijiet ta' dal-bankun hemm figuri tal-

bronż maħduma mill-funderija ta' Sammut *tal-Motros*, li juru diversi episodji mill-ħajja tal-qaddisa Elena, fosthom is-sejbien tas-Salib li fih jidher raffigurat Dun Vinċenz, disinjat b'anatomija perfetta tiegħu, jiġbed il-ħbula.

Meta f'Awwissu tal-1981 kien qed jittella' t-tużell tal-koppla, tqaċċat ganċ oħxon tal-ħadid u t-tużell niżel fuq l-irħam prezzjuż tal-altar il-maġġur. Bl-għajnuna ta' bosta taħt it-tmexxija tal-Kanonku Saliba, inġabru l-biċċiet miksura u saret tiswija ta' emerġenza.

Dun Vinċenz għex fi żmien meta għal 14-il sena l-poplu Karkariż kien imċaħħad mill-festi esterni minħabba kwestjoni ġuridika li kellha eżitu negattiv, billi Ruma ddikjarat ruħha inkompetenti li taqta' s-sentenza f'kawża li l-poplu Karkariż kien beda f'Ruma. Din l-aħbar kienet daqqa ta' ħarta għall-istennija pożittiva tant mixtieqa. B'mod spontanju, xi wħud imbarraw bi protesta l-bibien ewlenin tal-knisja b'ċangaturi ddestinati għar-restawr taz-zuntier. Il-Kapitlu ma qabilx ma' dan l-aġir u l-Arċisqof Gonzi, wiċċ imb wiċċ ma' ġrajja ta' uġigħ ta' ras għalih bħala ragħaj, għamel ħiltu kollha biex tinstab soluzzjoni. Tant hu hekk li hu stess kiteb rikors lis-Santa Sede, biex din tikkonsidra mill-ġdid ir-ripristinu tal-ġuspatronat, privileġġ li l-Kapitlu kien gawda għal sekli sħaħ. Dun Vinċenz kienu wieħed minn grupp ta' erbgħa, inkarigati mill-Arċisqof biex iwasslu r-rikors bl-idejn u jikkonsinjawh lil Monsinjur Roberti, Segretarju tal-Kongregazzjoni. L-oħrajn kienu l-Prepostu Emanuel Vella, l-Avukat Buhagiar u n-Nutar Joseph Gatt. Ir-rikors ta' Gonzi ntlaqa', u fl-1954 il-Kongregazzjoni tal-Konċilju ddekretat ir-ripristinu tal-ġuspatronat mogħti minn Papa Urbanu VIII fl-1630. Fl-1956, il-Kapitlu għadda għan-nomina ta' ħames kanonikati battala.



Sitt snin qabel, fl-1950, il-Papa Pacelli għolla l-Kolleġġjata Elenjana għad-dinjità ta' Bażilika Minuri. Niftakar tajjeb din l-okkażjoni ta' ferħ, bħalma niftakar id-diskors imqanqal tal-Kanonku Saliba, quddiem folla enormi, iħeġġeg lill-poplu biex jirregala kuruna tad-deheb li tixraq lill-istatwa stupenda ta' Santa Liena. Hu nnifsu offra d-deheb tal-familja, u l-poplu kkonkorra. B'dak li nġabar fi flus u deheb saret mhux biss il-kuruna imma wkoll iċ-ċintorin u s-sandli ta' riġlejn l-istatwa.

Minbarra r-responsabiltà kbira tal-prokura tal-Kolleġġjata, u skont id-drawwa li l-kapitulari kienu jkunu prokuraturi ta' knejjes filjali, Saliba kien jieħu ħsieb il-knisja ta' Santu Rokku, fejn kien iqaddes kuljum. Kien jieħu ħsieb ukoll il-knisja bla saqaf ta' Santa Marija, fejn kienet issir quddiesa f'dik li llum hi s-sagrestija, flimkien mat-tagħlim tad-duttrina lit-tfal. Kienet ħasra tassew li monument bħal dan, li fih twieldet il-Kolleġġjata, jibqa' mitluq. Fuq ix-xewqa tal-kapitlu, u bl-approvazzjoni ta' Monsinjur Gonzi, ingħata bidu għar-rikostruzzjoni taħt il-perit Harold Borg u l-bravura tal-imgħallem Abram Schembri, li qatt ma qata' qalbu mix-xogħol. Mar-Rev. Professur Vincent Borg, il-Kanonku Saliba ta sehmu f'isem il-kapitlu fit-tmexxija ta' dal-proġett. Il-knisja ta' Santa Marija llum hi parroċċa għaliha, wara li fl-1986 ingħatat lill-Arċidjoċesi bla ebda preġudizzju għall-Kolleġġjata.

Isem Dun Vinċenz marbut ukoll mal-knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem, fil-limiti tal-parroċċa, li nbniet fuq biċċa art ċeduta lill-kapitlu mis-Sur Zerafa. Iż-żewġ statwi fuq il-bibien prinċipali ta' din il-knisja huma opra tal-Kanonku Saliba.

Mhux l-ewwel darba li kont tara lil Dun Vinċenz ipinġi xi disinni. Pasturi tat-tafal maħduma minnu għadhom jintużaw biex jittella' l-presepju fi żmien il-Milied fid-dar taċ-Ċirklu San Ġwakkin. Is-Sur Pace, li jieħu ħsieb dal-presepju, qed jitħajjar ukoll biex itella' wirja ta' statwetti tal-Passjoni ta' Kristu, xogħol ieħor ta' Dun Vinċenz.

## Għeluq

Naħseb li meta deher quddiemu, il-Mulej ma ċanfarx lil Dun Vinċenz b'ħela u tberbiq tat-talenti li għanieh bihom. Wara permessi meħtieġa l-ġisem bla ħajja ta' Dun Vinċenz indifen fil-kripta taħt il-kappella tas-SS.mu Sagrament, fejn kull Novembru l-fidili jmorru jitolbu suffraġi fuq qabru.

Hu wisq mixtieq u mistenni li jinbtu saċerdoti mogħnija bil-kwalitajiet li bihom Alla żejjen lill-Kanonku Saliba, ex-Dekan tal-Kapitlu tal-Bażilka ta' Birkirkara, dinjità li qablu messet lill-kanonċi Ġużeppi Micallef u Giovanni Calleja, u li kien wiritha wkoll il-Kanonku Carmelo Pirotta, li minħabba marda twila ta' seba' snin ma kellux ix-xorti li jeżerċitaha.

